**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)**

Illum, 13 ta’ April 2025

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR CHRISTIAN CAUCHI)**

**Vs**

**CD**
(K.I. XXXXXXX)

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat CD ta’ XX sena bint XXXX u XXXX nee’ XXXX, mwielda nhar XXXXXX ġewwa XXXX, residenti ġewwa fond XXXX u detentriċi tal-karta tal-Identita’ XXXXXXX u akkużata talli:

Bejn it-Tlieta, l-01 t’April 2025 u l-Ħamis l-10 t’ April 2025 f’diversi ħinijiet ġewwa dawn il-gżejjer Maltin b’diversi atti maghmulin minnha ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda:

1. Ġabet ruħha b’mod li tat fastidju lill-eks sieħeb tagħha EF jew ġabet ruħha b’mod li kienet taf jew kienet imissha kienet taf li dan kien ta’ fastidju għall-

eks sieħeb tagħha EF u dan aggravat minħabba l-fatt li d-delitt twettaq kontra il-konjuġi jew is-sieħeb preżenti jew ta' qabel, minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorita' tagħha, id-delitt, jew id-delitti relatati, twettaq jew twettqu ripetutament u dan bi ksur tal-Artikoli 251A(1)(a)(b), 251H(a)(b) u 251HA tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

2. Bil-ħsieb li testorċi flus jew xi ħaġ'oħra jew li tagħmel xi qliegħ, jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil EF jesegwixxi, jiddistruġġi, iqalleb, jew ibiddel testment jew obligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija, jew jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, hedded li tagħmel denunzja jew kwerela kontra, jew li tagħti malafama lil EF fejn CD waslet fil-ħsieb tagħha u dan bi ksur tal-Artikolu 250(1)(2) tal-Kodiċi kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. U aktar talli nhar il-Ħamis 10 t'April 2025 għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħaxija (21:00HRS) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel jew ta' wara dan ġewwa dawn il-gżejjer Maltin bl-intenzjoni li tikkawża dwejjaq, ħsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xorta, ħadet jew żvelat xi ritratti jew film sesswali privat mingħajr il-kunsens tal-persuna murija jew irrappreżentat f'dak ir-ritratt jew film u ċioe' ta' EF u dan bi ksur tal-Artikolu 208E tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. U aktar talli nhar il-Ħamis 10 t'April 2025 għall-ħabta tal-għaxra ta' flgħaxija (22:00HRS) barra r-residenza fond bl-isem XXXX u/jew fi bnadi oħra ġewwa dawn il-gżejjer Maltin ikkaġunat lill-eks sieħeb tagħha EF biża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tiegħu jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti tagħha, aħwa subien jew bniet u dan aggravat meta d-delitt twettaq kontra il-konjugi jew is-sieħeb preżenti jew ta' qabel minn membru tal-familja, persuna li tgħix mal-vittma jew persuna li tkun abbużat mill-awtorita' tagħha u dan bi ksur tal-Artikoli 251(3), 251H(a) u 251HA tal-Kodiċi kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u taħt l-istess ċirkustanzi b'xi mod ieħor mhux imsemmi band'oħra, f'dan il-kodiċi, kisret voluntarjament il-bon-ordni

jew il-kwiet tal-pubbliku  u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

6. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u taħt l-istess ċirkustanzi għamlet inġurji jew theddid lil EF liema inġurji mhux imsemmijin band’oħra f’dan il-Kodiċi, jew jekk kienet pprovokatha, inġurjat b’mod li harġet barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Artiklu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

7. U aktar talli nhar bej it-Tlieta 01 t’April 2025 u nhar il-Ħamis 10 t’April 2025 f’diversi ħinijiet dan ġewwa dawn il-gżejjer Maltin permezz ta’ xi network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika, hedded li tagħmel xi reat, jew bil-ħsieb li ġġiegħel lil EF u lil AB biex jagħmlu jew jonqsu milli jagħmlu xi ħaġa, hedded li takkuża jew li tagħmel ilment kontra EF, jew biex timmalafama lil EF jew xi persuni oħra  u għamlet użu ieħor mhux xieraq bih u dan bi ksur tal-Artikolu 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta’ Malta.

8. U aktar talli nhar il-Ħamis 03 t’April 2025 għall-ħabta tal-ħdax ta’ flgħaxija (23:00HRS) u jew fil-ħinijiet ta’ qabel dan, voluntarjament ħassret, għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ addieħor u ċioe’ l-bieb tal-appartament ta’ EF u dan meta l-ammont tal-ħsara ma tkuns skorriet l-elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), iżda tkun iżjed minn mitejn u ħamsin ewro (€250), u dan bi ksur tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex f’każ ta’ ħtija, ma’ kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A u/jew 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta u/jew kull artikolu ieħor tal-liġi li jordna li jitħallas kumpens jew li ssir restituzzjoni lill-parti leża jew partijiet

Il-Qorti kienet mitluba toħroġ ordni ta’ protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra CD għal benefiċċju ta’ EF u l-familjari tiegħu u dan ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti kienet mitluba illi flimkien ma' ordni ta' protezzjoni, jew separatament minnha, taħt l-artikolu 412Ċ u sakemm il-Qorti tkun sodisfatta li jkunu saru jew li jistgħu jsiru arranġamenti adatti għal trattament, il-Qorti hi ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' trattament li tkun teħtieġ li l-persuna akkużata taċċetta li jsiriha trattament bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Qorti jista' jidhrilha adatti li tniżżel fl-ordni u dan ai terminu tal-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija,jiġu applikati l-provedimenti tal-Artikoli 382A u 383 tal-Kodici kriminali, Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużata rreġistrat ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tagħha u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħatat żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Semgħet lill-akkużata tikkonferma l-ammissjoni tagħha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi minn dak li semgħet il-Qorti, jirriżulta illi l-akkużata kellha relazzjoni mal-parte ċivile EF, liema relazzjoni ntemment numru ta' xhur ilu. Jidher li huma baqgħu jiltaqgħu b'mod sporadiku u li għall-bidu ta' April 2025, il-parte ċivile kien talabha biex ma jibqgħux jiltaqgħu u hemmhekk hi talbitu jagħtiha xi flus għax ma kellhiex impjieg. Hu rrifjuta li jagħmel dan u hi hedditu li jekk ma jagħtihiex dawn il-flus, hija tmur tirrapportah li wettaq reat fuq persuntha u li tiċċirkola ċertu materjal. Wara ftit jiem huwa sab migruf mal-bieb ta' barra tar-residenza tiegħu kelma vulgari fil-konfront tiegħu. Hija wkoll għamlet tali theddid ukoll bil-mezz ta' softwer ta' messaġġi.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużata ammettiet l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużata ħatja tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tagħha kif minnha ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li din hija l-ewwel darba li l-akkużata xellfet difrejha mal-liġi u li hija ammettiet mal-ewwel l-involviment tagħha f'dan il-każ. Jirriżulta li l-akkużata ddispjaċiha għal dak li għamlet u li ma tridx tkun taf aktar bl-eks sieħeb tagħha. Hija lesta li tħallas għad-danni li kkawżat fuq il-bieb tal-akkużat.

Illi għalhekk, il-Qorti tqis li għalkemm il-piena għandha tkun waħda serja, m'għandhiex tkun waħda ta' inkarċerazzjoni effettiva għaliex tkun ta' aktar ħsara għall-akkużata milli ġid, inkluż minħabba l-fatt li l-Qorti semgħet li hija tista' titlef l-impjieg tagħha jekk tisfa inkarċerata.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 208E, 250(1)(2)(3), 251A(1)(a)(b), 251H(a)(b), 251HA, 325(1)(b), 338(d)(d) u 339(1)(e) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 49(a)(b)(ċ) tal-Kap. 399 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tagħha, qed issib lil **CD ħatja** tal-akkużi kollha dedotti kontra tagħha u qed tikkundannaha għal **sentejn (2) priġunerija** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li din il-piena ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' erba' (4) snin mil-lum, hi tikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija kif ukoll għal multa ta' mitt Ewro (€100).

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna l-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħatja **CD** u dan ai termini tad-Digriet mogħti kontestwalment, liema Ordni ta' Trattament għandu jkun għall-perjodu ta' sena (1) mil-lum;

Illi l-Qorti qed tagħmel ukoll Ordni ta' Trazzin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fil-konfront tal-ħatja a favur ta' **EF** għall-perjodu ta' sena (1) li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-lum u dan ai termini tad-Digriet mogħti kontestwalment;

Illi finalment, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28H (1) tal-Kap. 9 tal-liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna lill-ħatja **CD** sabiex tirrestitwixxi lil EF is-somma ta' tlett mija u ħamsin Ewro (€350) rappreżentanti danni minnha kkawżati fil-propjetà tiegħu, liema somma għandha tiġi restitwita sa mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mil-lum.

Illi ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbiltà tagħha taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk hija tikkommetti, matul il-perijodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Illi finalment, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 532A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ma ġew ipprovati ebda danni subiti.

**Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**